Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/04*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 04 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, 2013 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-03

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Offerta għal xiri ta' konkos u materjal ieħor

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu seħja għall-offerti għal xiri ta' konkos, xibka (tal-art), żrar, ramel u materjal ieħor konness mat-tiswija ta' toroq u passaġġi. B'hekk meta jkolna bżonn dan il-materjal il-Kunsill ikun jista' jixtri li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk s-Segretarju Eżekuttiv se jikkordina mal-Perit John Saliba sabiex jipprepara d-dokument tal-offerta.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 10/2013 – Kuntratti tal-Kunsilli Lokali

4.02 Memo 11/2013 – Ħlas ta' Taxxa u tal-Bolla tas-Sigurta' Soċjali

4.03 Memo 12/2013 – Artikli li jidhru fuq il-Gazzetti Lokali

4.04 Memo 13/2013 – Projbizzjoni tat-Tipjip fi Playgrounds u Ġonna Pubbliċi – Tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fiż-żoni fejn hemm xi logħob għall-użu ta' tfal.

4.05 Ms Isabella Camilleri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talbet informazzjoni dwar l-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Ix-xogħol konness ma' din l-iskema irid jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien iltaqa' mal-Perit Angelo Portelli u l-Kappillan u flimkien iddiskutew ix-xogħol li għandu jsir. Il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jsir fi żmien qasir u b'hekk ma nitilfux il-fondi minn din l-iskema.

4.06 Il-Perit Audrey Tetaferrata de Noto minn Transport Malta, infurmat lill-Kunsill li l-pedestrian crossing ta' Triq Għammar m'għandix titneħħa.

4.07 L-Avukat Jimmy John M Vella ilmenta dwar l-istat ta' Triq il-Fenek. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diġa ħa l-passi meħtieġa dwar dan l-ilment. Fil-fatt is-Sindku ikkuntattja lill-kuntrattur Godfrey Borg u qallu biex imur jaqta' l-ħaxix u inaddaf l-istess triq. F'każ li jkun hemm bżonn li jsir il-patching, dan ser isir ukoll fi ftit tal-jiem oħra.

4.08 Is-Sur u s-Sinjura Glynis Pace infurmaw lill-Kunsill dwar il-problema tal-ħajt li qed iżomm it-triq peress li għandu bżonn il-manutenzjoni. Dan il-każ ġie diskuss mill-Kunsill fl-aħħar laqgħat u anke sar rapport mill-Perit Saliba. Fir-rapport tiegħu l-Perit Saliba kien qal li dan il-ħajt huwa responsabilta tas-sidien u mhux tal-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien iddiskuta din il-problema mas-Sinjuri Pace. Huwa qal li s-Sinjuri Pace fehmu li l-Kunsill m'għandux jidħol biex jagħmel xogħol li huwa tal-privat iżda hi talbet biex jitranġa l-ħajt li kien sar mill-ħaddiema tal-Gvern jew tal-Kunsill meta twessgħet it-triq. Is-Sindku qal li x-xogħol jinvolvi bdil ta' madwar sitt kantuni u għalhekk m'hemmx spejjeż kbar. Fl-ittra tagħhom is-Sinjuri Pace ġibdu l-attenzjoni li meta xtraw din il-proprjeta, il-proprjetarju ta' qabilhom kien qalilhom li r-reċint li inbena bil-ġebel tas-sejjieħ fuq dan il-ħajt kien sar bl-approvazzjoni tal-Kunsill ta' dak in-nhar u għalhekk huma qed isostnu li r-responsabilta ta' dan il-ħajt hija tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ipproponiet sabiex qabel isir xi xogħol minn naħa tal-Kunsill, peress li l-Perit qal li dan huwa responsabilta' tagħhom, nitolbu lis-Sinjuri Pace sabiex iġibu dokumenti li juru li l-Kunsill kien qabel li għandu isir ir-reċint imsemmi. Is-Sindku tenna li biex jitranġa l-ħajt m'hemmx spejjeż kbar peress li kull ma hemm bżonn huwa li jinbidlu madwar sitt kantuni u għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel ix-xogħol imsemmi. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tas-Sindku li għandu jsir xi xogħol fuq dan il-ħajt. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sinjuri Pace iġibu d-dokument li juri li r-reċint fuq il-ħajt in kwistjoni sar bl-appvorazzjoni tal-Kunsill. Wara l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar x'għandu isir dwar dan il-ħajt.

4.09 L-AKL infurmat lill-Kunsill Lokali li waqt laqgħa li kellhom mal-Ministru Leo Brincat ġie propost biex isir aktar taħwil ta' siġar. Għalhekk il-Kunsilli għandhom jipproponu postijiet fejn jista' isir it-taħwil tas-siġar.

4.10 Josette Cremona mill-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar l-attivita tas-Sette Giugno li kellha issir f'Għawdex. Fil-fatt waqt l-attivita tqassmu kotba lill-istudenti kollha tar-raba' u l-ħames klassi tal-irħula kollha t'Għawdex. Is-Sindki kollha ipparteċipaw u qasmu l-kotba lill-istudenti. Il-kotba li tqasmu lill-istudenti jiswew Euro2.85 'l wieħed. Dawn se jitħalsu mill-Kunsilli Lokali skond in-numru ta' studenti mill-lokalita' tagħhom.

4.11 L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) qed torganizza korsijiet dwar diversi suġġetti. Bħalissa ħarġu applikazzjonijiet għall-kors dwar l-accounts li ser isir f'Malta u possibilment anke f'Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna inħalsu l-ħlas ta' sħubija u b'hekk inkunu nistgħu nibbenifikaw minn dawn l-opportunitajiet.

**5. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-04 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Materja oħra**

6.01 Tereza u Rikarda Zammit ilmentaw dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq Ta' Għammar. Din il-problema kienet ġiet diskussa f'laqgħat oħra anke mill-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill kien għamel survey tat-triq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien mar fuq il-post u iltaqa' mas-Sinjuri Zammit fejn iddiskutew din il-problema. Huwa ippropona li titranġa l-bankina b'tali mod li l-katusa tal-ilma tax-xita li ħierġa mid-dar ta' Zammit ma tkunx ostakolata mill-ilma tax-xita li jgħaddi mit-triq. B'hekk l-ilma jibqa' miexi u tissolva din il-problema. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ.

6.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ilment li għamel Domenic Camilleri dwar l-istat ħażin li tinsab fih parti minn triq fi Triq Wied L-Għasri (fejn il-farmhouse ta' Mizzi). Huwa talab li din titranġa bil-konkos. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ wara li tingħażel l-offerta għal xiri ta' konkos.

6.03 Sammy Saliba ta' Triq Ta' Għammar, ilmenta dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' li hemm fi Triq il-Fanal (malli tibda t-telgħa). Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ meta jkun possibbli.

6.04 Sammy Saliba ilmenta wkoll dwar gandott li hemm fi Triq Wied L-Għasri peress li qiegħed perikoluż. Il-Kunsill qabel li għandha issir grada biex jiġi evitat kull periklu.

6.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien għamel kuntatti ma' tal-ELC sabiex is-soft area li għandna fi Triq L-Għasri tibda tissebbaħ bil-fjuri u tinzamm fi stat tajjeb. John Cini f'isem l-ELC talab li jingħata l-ilma li hemm fil-ġibjun taħt Triq Salvu Gambin u b'hekk ikun jista' jieħu ħsieb isebbaħ din is-soft area mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva ilmenti dwar ħajt li waqa' fi Triq tal-Kanun. Konsegwenza ta' dan, l-ilma tax-xita qed jagħmel ħsara lill-egħlieqi u anke lil dar li tinsab ftit 'l isfel. Il-Kunsill qabel li dan il-ħajt għandu jitranġa.

6.07 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jsib post adattat biex jiġi żviluppat fi playingfield. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-applikazzjoni għall-playingfield u meta jkolna l-fondi ikun jista' jitwettaq dan il-proġett importanti għar-raħala tagħna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-membri kollha huma imħeġġa sabiex jesploraw il-possibiltajiet kollha ta' fejn jista' jsir dan il-playingfield.

6.08 Bernarda Zammit ilmentat dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq Ta' Għammar. Hija qed titlob sabiex din il-problema tissolva. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien mar jara xi problema hemm. Huwa qal li l-bankina li hemm hija baxxa ħafna u għalhekk l-ilma qed jidħol ġewwa. Għalhekk jekk issir il-bankina mill-ġdid u issir ftit aktar għolja, din il-problema tista' tissolva. Is-Sindku qal li diġa iddiskuta ma' Bernarda Zammit dwar ix-xogħol li għandu jsir. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser issir il-bankina mill-ġdid.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |